

~~RESTREINT UE~~



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.3.2013
COM(2013) 128 final

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja, f'isem l-Unjoni, emendi u aġġustamenti tal-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

This document was downgraded / declassified

Date : 26/11/2019

By : Y. SLINGENBERG

Authority : DG CLIMA

MT

MT

~~RESTREINT UE~~

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Vjenna għall-protezzjoni tas-saff tal-ożonu u għall-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu adottat fil-qafas ta' dik il-Konvenzjoni.
2. L-Unjoni tqis li hemm bżonn ta' aktar azzjoni sabiex jinkiseb suċċess fit-tnaqqis tal-użu u tal-emissjonijiet tas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu (l-ODSs) fil-qafas tal-Protokoll ta' Montreal tul dawn l-aħħar deċennji u għalhekk beħsiebha tikkontribwixxi b'mod attiv waqt in-negozjati, l-iktar f'dak li għandu x'jaqsa ma' dan li ġej:

Azzjonijiet dwar sustanzi b'potenzjal għoli ta' tisħin globali li huma alternattivi għas-sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, inklużi emendi fil-Protokoll ta' Montreal u fl-istrumenti relatati, sabiex jiġu rregolati l-idrofluworokarburi (l-HFCs).
3. L-għan ta' din ir-Rakkomandazzjoni hu li l-Kummissjoni Ewropea tiġi awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Unjoni, dwar il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq waqt il-XXV Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll, waqt is-XXVI Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll / l-X Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni u waqt is-XXVII Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll, sabiex ikunu żgurati pożizzjonijiet u azzjonijiet ikkoordinati tal-Unjoni.
4. Ir-Rakkomandazzjoni mhux se jkollha l-ebda impatt fuq il-baġit tal-UE. Kwalunkwe konklużjoni li tista' toħroġ minn dawn in-negozjati li tkun teħtieġ tiġi implimentata permezz tal-leġislazzjoni tal-Unjoni għandha tkun konsistenti mat-Trattat u mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikulari mar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu¹, mar-Regolament (KE) Nru 842/2006 dwar ċerti gassijiet serra fluworinati² u mad-Direttiva 2006/40/KE dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f'vetturi bil-mutur³.

¹ ĠU L 286, 31.10.2009, p. 1.

² ĠU L 161, 14.6.2006, p. 1.

³ ĠU L 161, 14.6.2006, p. 12.

Rakkomandazzjoni għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja, f'isem l-Unjoni, emendi u aġġustamenti tal-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 218(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi l-Kummissjoni għandha tkun awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, emendi u aġġustamenti tal-Protokoll ta' Montreal dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Il-Kummissjoni b'dan hija awtorizzata tinnegozja, f'isem l-Unjoni Ewropea, emendi u aġġustamenti tal-Protokoll ta' Montreal waqt il-XXV Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll, waqt is-XXVI Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll / l-X Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni u waqt is-XXVII Laqgħa tal-Partijiet għall-Protokoll f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni.
2. Il-Kummissjoni għandha twettaq in-negozjati f'isem l-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam ma' kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Unjoni b'konsultazzjoni ma' kumitat speċjali ta' rappreżentanti tal-Istati Membri u skont id-direttivi ta' negozjar stabbiliti fl-Anness meħmuż ma' dan id-dokument.
3. Sal-punt li fih is-suġġett li jittratta l-ftehim jaqa' taħt il-kompetenza kondiviża tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu mill-qrib waqt il-proċess ta' negozjar sabiex ikun hemm l-unità fir-rappreżentanza internazzjonali tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNESS

DIRETTIVI TA' NEGOZJAR

4. Il-Kummissjoni għandha taħdem biex tiżgura li ftehim li jwassal għal kwalunkwe reviżjoni tal-Protokoll ta' Montreal u tal-applikazzjoni tiegħu jkun konsistenti mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari mar-Regolament (KE) Nru 1005/2009 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu, mar-Regolament (KE) Nru 842/2006 dwar ċerti gassijiet serra fluworinati u mad-Direttiva 2006/40/KE dwar emissjonijiet minn sistemi ta' kondizzjonament tal-arja f' vetturi bil-mutur.
5. F'dak li għandu x'jaqsam mal-proposti għal emendi fil-Protokoll ta' Montreal sabiex jiġu rregolati l-idrofluworokarburji (l-HFCs), il-Kummissjoni għandha tinvolvi ruħha fin-negozjati dwar kif wieħed jista' jindirizza bl-aħjar mod il-kwistjoni tal-emissjonijiet dejjem jiżdiedu tal-HFCs u għandha taħdem biex tiżgura, skont il-pożizzjoni tal-Unjoni, li l-azzjonijiet skont il-Protokoll ta' Montreal:
 - (a) ma għandhomx idgħajfu l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u kwalunkwe miżura fiha li dwarha ntlaħaq ftehim;
 - (b) mhux se jeskludu lill-HFCs mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Konvenzjoni jew ta' kwalunkwe strument ieħor marbut magħha, u
 - (c) ma għandhomx jaffettwaw l-impenji eżistenti meħudin mill-Partijiet għall-Protokoll.
6. Il-Kummissjoni għandha twettaq in-negozjati skont il-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni Ewropea li hija fis-seħħ jew skont il-pożizzjonijiet tal-Unjoni li dwarhom intlaħaq ftehim stabbiliti apposta għall-finijiet ta' dawn in-negozjati fi ħdan il-kumitat speċjali ta' rappreżentanti tal-Istati Membri jew fi ħdan il-Kunsill.
7. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Kunsill ir-risultat tan-negozjati u, fejn ikun xieraq, dwar kwalunkwe problema li tista' tinqala' waqt in-negozjati.